**21 ta' Mejju, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Joseph Vella *noe*

*versus*

John Vella

**Kontumaċja – Nozzjoni ta' – Ġustifikazzjoni ta'**

*Appell minn rifjut ta' l-ewwel Qorti illi taċċetta r-raġuni miġjuba mill-konvenut sabiex jiġġustifika l-kontumaċja u jippreżenta n-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tiegħu. Irriżulta illi f'nofs it-terminu ta' l-għoxrin ġurnata għall-preżentata ta' l-eċċezzjonijiet, iben minuri tal-konvenut weġġa' gravament u kellu jiġi operat darbtejn. Il-Qorti ta' l-Appell li laqgħet l-appell u ammettiet lill-konvenut jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet osservat illi l-istitut tal-kontumaċja kif del resto tfisser il-kelma huwa bbażat fuq il-preṣuppost illi l-konvenut bin-nuqqas tiegħu wera kontumelia u dispett għas-sejħa tal-Qorti meta huwa ġie konvenut.*

1. Dan huwa appell kontra sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tat-28 ta' Frar, 1992, li ċaħdet it-talba tal-konvenut li jispurga l-kontumaċja tiegħu fil-kawża proposta kontra tiegħu biex jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' elf u sitt mitt lira (Lm1600) bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' merkanzija;

2. Il-purgazzjoni ġiet mitluba għaliex fit-8 ta' Diċembru, 1991, iben il-konvenut, Andrew ta' 13-il sena, korra u kellu jinżamm l-isptar għal xi ġimgħatejn u, sa l-14 ta' Jannar, 1992, l-għadam li kiser, niġen idu, kien għadu ma għaqadlux;

3. Tgħid is-sentenza:

"Illi, kif ġie ritenut kostantement mit-tribunali nostrali, fil-materja tal-purgazzjoni tal-kontumaċja m'għandux ikun hemm negliġenza jew ħtija tal-parti, għax allura, minflok il-prova ta' kawża ġusta, ikun hemm il-"*culpa*" u f'dak il-każ il-persuna

ma tkunx tista' tilmenta minn xejn, għax *"qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire"*;

Illi mill-provi prodotti jirriżulta li l-inċident in kwistjoni kien jikkonsisti fi frattura ta' driegħ iben il-konvenut li ġrat fit-8 ta' Diċembru, 1991. Skond iċ-ċertifikat mediku esibit mill-konvenut jirriżulta li iben il-konvenut *"suffered a complicated fracture of the right arm necessitating two operations and hospitalization from 8-12-91 to 22-12-91"*. Dan l-inċident ma kienx jipprekludi lill-konvenut milli jsib il-ħin biex jikkomunika mad-difensur tiegħu biex dan jieħu ħsieb jikkontesta l-kawża. Billi l-konvenut ġiet nnotifikat fid-29 ta' Novembru, 1991, hu kellu żmien sad-19 ta' Diċembru, 1991, biex jippreżenta n-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tiegħu, jiġifieri sa għaxart ijiem wara d-data ta' l-inċident;

Fil-fehma tal-Qorti, l-inċident in kwistjoni ma jikkostitwix raġuni tajba li għaliha l-konvenut jista' jippretendi li jiġi eżonerat min-negliġenza da parti tiegħu meta naqas li jippreżenta n-nota ta' l-eċċezzjonijiet u d-dikjarazzjoni fit-terminu preskritt mil-liġi";

4. Il-konvenut ġie nnotifikat fid-29 ta' Novembru, 1991. Il-kawża kienet appuntata għall-ewwel trattazzjoni għas-17 ta' Jannar, 1992;

It-terminu ta' 20 ġurnata spiċċa fid-19 ta' Diċembru, 1991, u l-korriment ġara fit-8 ta' Diċembru, 1991. Dakinhar li saret l-ewwel seduta, fis-17 ta' Jannar, 1992, il-konvenut, attenda l-Qorti u kien preżenti fl-awla meta ssejħet il-kawża;

5. L-istitut tal-kontumaċja, kif, *del resto* tfisser il-kelma, huwa bbażat fuq il-presuppost illi l-konvenut, bin-nuqqas tiegħu

wera kontumelia u dispett għas-sejħa tal-Qorti, meta huwa ġie konvenut bl-avviż, ċitazzjoni, rikors, libell jew petizzjoni, u hija din id-disubbidjenza, animata psikoloġikament b'dawk il-fatturi ta' kontumaċja u dispett, li l-liġi trid tirreprimi u tippunixxi, inkwantu kontumaċja bħal dik hi element ta' disordni soċjali. Dan ġie riċentement ribadit minn din il-Qorti (Sede Ċivili) fis-sentenza tagħha ta' l-14 ta' Jannar, 1993, fl-ismijiet Pauline Grech *ne vs* Nazzarenu Zammit;

Għaldaqstant, meta, kwalsiasi Qorti tiġi kkonfrontata b'kkontumaċja formali ma jkollhiex ukoll il-konvinzjoni ċerta u soda ta' dan l-aspett negattiv tan-nuqqas tal-konvenut allura jkun meħtieġ eżami ulterjuri tal-fatturi l-oħra neċessarji biex dik il-konvinzjoni tiġi ffurmata. U hekk titlob ir-raġuni ġuridika ta' sitwazzjoni fejn il-konvenut se jiġi kkundannat fl-assenza tad-difiża;

6. Il-korriment tat-tifel tal-konvenut, ir-raġuni minnu avvanzata għall-kontumaċja, ġara f'nofs it-terminu ta' għoxrin ġurnata li fih huwa kellu jippreżenta n-nota ta' eċċezzjonijiet li trid il-liġi. It-tifel però kien rikoverat l-isptar mit-8 ta' Diċembru sat-22 ta' Diċembru – jiġifieri oltre d-19 ta' Diċembru, 1991, meta għalaq l-imsemmi terminu ta' għoxrin ġurnata. It-tul tar-rikoveru huwa spjegat mill-fatt illi l-ksur kien ta' natura kkomplikata tali illi t-tifel kellu jissubixxi żewġ operazzjonijiet. Għalhekk din il-Qorti jidhrilha li, sakemm m'hemmx indikazzjonijiet serji oħra, tista' faċilment tifhem illi sakemm, almenu iben il-konvenut kien l-isptar u għaddej mill-burraxka ta' żewġ operazzjonijiet f'temp ta' għaxart ijiem, il-missier, il-konvenut, kien skombussolat biżżejjed biex ma jkunx attent kif imiss biex jagħti każ iċ-ċitazzjoni li kien irċieva fid-29 ta' Novembru;

Dawn iċ-ċirkostanzi jikkostitwixxu dak l-impediment leġittimu ta' natura morali li tikkostitwixxi kawża ġusta għall-purgazzjoni ta' kontumaċja;

7. Finalment, l-animu tal-konvenut u n-nuqqas ta' disprezz u kontumelia għas-sejħa tal-Qorti jidhru wkoll mill-fatt illi **qabel** l-ewwel appuntament tal-kawża, il-konvenut ippreżenta rikors biex jitlob il-purgazzjoni tal-kontumaċja tiegħu u puntwalment kien preżenti fid-data ta' dak l-appuntament;

8. Għal dawn ir-raġunijiet l-appell qed jiġi milqugħ; is-sentenza tat-28 ta' Frar, 1992, qed tiġi rrevokata u l-appellant għandu jumejn utili biex jippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet, li jibdew jiddekorru min-notifika ta' l-avviż tar-riappuntament tal-kawża, mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ;

Spejjeż ta' l-inċident huma kollha a karigu ta' l-appellant.